V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9785 — EFL/DBK/Hama Polska)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 138/03)

1. Fil-21 ta' April 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Europejski Fundusz Leasingowy S.A. ("EFL", il-Polonja), li tappartjeni għall-Crédit Agricole Group (Franza),

— DBK sp. z o.o. ("DBK", il-Polonja),

— Hama Polska sp. z o.o. ("Hama Polska", il-Polonja), li bħalissa hija kkontrollata esklużivament minn DBK.

EFL u DBK jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Hama Polska.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— EFL: fornitur ta' soluzzjonijiet finanzjarji, fosthom kiri, factoring, self u servizzi ta' kiri fit-tul. EFL hija attiva fil-Polonja u hi parti tal-Crédit Agricole Group. Il-Crédit Agricole Group għandha operazzjonijiet mad-dinja kollha fis-servizzi bankarji u fis-servizzi finanzjarji,

— DBK: kumpanija b'sidien privati li tissupplixxi prodotti u servizzi għall-industrija tat-trasport, tat-tbaħħir u tal-loġistika, fosthom servizzi ta' appoġġ finanzjarju u servizzi ta' wara l-bejgħ. Id-DBK Group huwa attiv primarjament fil-Polonja u, ftit inqas, fil-Litwanja,

— Hama Polska: toffri kiri ta' trakkijiet u trailers bl-isem tad-ditta "DBK Rental" fil-Polonja.

3. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9785 — EFL/DBK/Hama Polska

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË